għaqda tal-malti
università • 1931

# Minn Vassalli sa Vella Gera

Fi ftit kliem, Mikiel Anton Vassalli kien ħassieb, riformatur u ribell; dak li lemaħ fil-bogħod il-qawmien għaqli tan-nazzjonalità Maltija. Matul is-snin Malta rat bosta kittieba oħra li, bħal Vassalli, ħallew impatt mhux biss fuq l-identità Maltija iżda anke fuq il-lingwa nnifisha. Dawn il-kittieba, anke jekk trattaw it-temi minn angoli differenti jew użaw stili u tekniki differenti, kollha nixxew minn ta' qabilhom. Kollha ħadmu l-għarfien ta' dawk li ġew qabilhom biex ħolqu l-ġdid. Illum, b'dil-bagalja ta' kitba wasalna għal ġenerazzjoni ta' kittieba li qed jesploraw territorji ġodda bħal Alex Vella Gera, li jmur lil hinn mill-ideal li ried iwassal Vassalli.

---

**Dettalji tal-attività**

Il-Ħadd, 16 ta' Novembru 2014, l-Għaqda tal-Malti – Università se ttella' attività li se tagħti ħarsa lejn il-lingwa minn żmien Vassalli sa Vella Gera. Permezz tal-lingwaġġ użat minn kittieba bħal Juann Mamo, Ġużè Ellul Mercer u Rena Balzan, se nieħdu idea ta' kif żviluppa l-Malti fil-letteratura li hi rifless tas-soċjetà fiż-żmien li nkitbet fih. Se jkun hemm xi kelliema, fosthom, Adrian Grima, Emanuel Psaila, Arnold Cassola u Elena Cardona.

Din l-attività waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb se tibda fis-13:00, fis-Sala Sir Temi Zammit, Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, il-Belt Valletta, u qed tkun ikkordinata mill-volontiera tal-Għaqda. Wara jkun hemm bibita. Id-dħul huwa bla ħlas.

